KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

# MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

### Laqgħa Numru 48

**It-Tlieta, 12 t'April, 2022**

Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ltaqa' bil-preżenza tas-Sindku, fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinstab fl-indirizz "Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku (Online) |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur | Joe Baldacchino | Kunsillier |
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsilliera |
| Is-Sur | Stanley Zammit | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

Is-Sa Maria Mifsud Kunsilliera

**ASSENTI:**

Hadd

**UFFICJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Jordy Brincat Deputat Segretarju Eżekuttiv

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Hadd

Is-Sindku Scott Camilleri fetaħ din is-seduta u ppreseda l-laqgħa. Fil-bidu tas-seduta, s-Sindku feraħ lill-Kunsillier L-Inġ Stanley Zammit li illum ħarġet l-aħbar li kien ġie elett bħala Membru Parlamentari fuq il-ħames distrett. Dan ifisser li se jkollu jħalli postu minn Kunsillier fil-ġranet li ġejjin.

## 48.01: Qari tal-ittri t' apoloġija

**48.01.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud bagħtet sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera preżenti.

**48.01.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Rosalie Mintoff kienet informat lill-Kunsill li għal din is-seduta ma' setgħetx tkun preżenti minħabba raġunijiet ta' saħħa. Għalhekk id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat kien se jkun qed jieħu dan l-irwol għas-seduta tal-llum hekk kif mitlub mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 48.02 Approvazjoni tal-Minuti tas-Seduta preċedenti dik numru 47

**48.02.01** Alex Caruana talab korrezzjoni fuq punt 47.02.01 fejn trid tinbidel minn *''iż-żona Iż-Żebbuġ''* għal *''Triq iż-Żebbuġ''*

**48.02.02** Alex Caruana talab korrezzjoni fuq punt 47.06.03 fejn trid taqra *"Żieda ta' parkeġġ fi Triq il-Bajja s-Sabiħa minn Triq id-Duluri sa Triq Birżebbuġa n-naħa tal-baħar".*

**48.02.03** Alex Caruana talab korrezzjoni fuq punt 47.09.03 fejn għanda tiżdied is-sentenza*"Wara diskussjoni, ġie maqbul li jiġu ordnati reflecters u ssir il-manutenzjoni meħtieġa fuq il-fanali eżistenti".*

Wara dawn il-korrezzjonijiet, fuq proponiment ta' Stanley Zammit u s-sekondat minn Alex Caruana, l-minuti ġew approvati unnanament.

## 48.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

**48.03.01** Is-Sindku Scott Camilleri nforma lill-Kunsilliera preżenti dwar l-*issue* tal-kuntrattur tal-ġonna, fejn wara li kienu nħarġulu diversi *default notices* matul ix-xhur ta' Diċembru 2021, Jannar u Frar 2022, il-*contracts manager* qed jinnota titjieb fis-servizz u tagħna l-parir li ma jinqatawx flus mill-pagament. Joe Baldacchino u Stanley Zammit ma qablux li kien hemm dan it-titjib. Is-Sindku Scott Camilleri sostna li skont il-Perit kien hemm titjib posittiv.

**48.03.02** Is-Sindku Scott Camilleri nforma li minħabba li kien kemm problema mal-bank minħabba li ma ridux issarfu ċ-ċekk lill-persuna li intbagħtet mil-Kunsill. Għaldaqstant, il-petty cash ta' Marzu ser titressaq fis-seduta li jmiss. Stanley Zammit enfasizza li l-perjodi taż-żewġ petty cashes jiġu mresqa separatament.

Fuq proponiment ta' Alex Caruana u s-sekondat minn Carlo Stivala, l-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata unnanament.

## 48.04 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

**48.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li għat-talba tal-Kunsillier Joseph Farrugia rigward it-*traffic count survey*, ġew mitluba għal tliet kwotazzjonijiet u li rrispondew żewġ suppliers fejn il-kwotazzjoni "B" hija l-irħas waħda. Joe Baldacchino staqsa fejn ser isir is-*survey* b'Joseph Farrugia ippropona li għandhom isiru f'żewg postijiet. Waħda fejn l'Alfresco Restaurant u l-oħra ftit metri 'l fuq mill-għassa tal-Pulizija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jmorru għal kwotazzjoniji "B" f'żewġ postijiet.

**48.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri nforma li kien hemm il-bżonn li jinxtara *grass cutter machine* li jaħdem bil-batterija. Ġew mitluba sebgħa kwotazzjonijiet u ntgħażlet il-kwotazzjoni "D" għall-prezz ta' €195.

**48.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri nforma li hemm il-bżonn li tinxtara żebgħa għal barra biex tintuża għall-ġnien ta' San Ġorġ, u li minħabba li d-ditta ta' żebgħa li kienet qed tinxtara qabel mhux ta' kwalita tajba, għalhekk ġie deċiż li mmorru għal ditta oħra. Stanley Zammit irrimarka li fl-iskeda tal-pagamanti hemm imniżżel li diġa inxtrat żebgħa. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dik iż-żebgħa diġa ġiet użata. Għaldaqstant, ġie deċiz li mmorru għal kwotazzjoni "A".

## 48.05 Kommunikazzjoni tas-Sindku

**48.05.01** Is-Sindku Scott Camilleri nforma li kellhu laqgħa mal-Primary Health Care, fejn meta ħarġet is-sejħa għall-pubbliku fuq propjetà ġewwa Birżebbuġa biex tintuża bħala berġa. Għal din il-laqgħa attendew Joseph Farrugia u Joe Baldacchino flimkien ma' tim mil-PHC biex jaraw it-tliet propjetajiet li ġew immresqa. Il-PHC ġew provduti bil-pjanti u dokumenti mitluba u nistennew deċiżjoni min-naħa tagħhom.

**48.05.02** Is-Sindku Scott Camilleri nforma li dalwaqt ser jibda il-proċess tal-*partitions* tas-Sala tal-Kunsill.

**48.05.03** Is-Sindku Scott Camilleri nforma li rigward iż-żjara tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku, kien hemm attendenza tajba ħafna u kien hemm tifħir għal organizzazzjoni. Is-Sindku Scott Camilleri rringrazzja lill-ħaddiema kollha li pparteċipaw f'din l-attività.

**48.05.04** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar it-*tenders* fejn qal li kien hemm evalwazzjoni tal-EPPS u qed nistennew li fit-23 ta' dan ix-xahar nirċievu l-evalwazzjoni finali ta' Measure 1 tal-*Artistical and Cultural Heritage* tal-Kappella.

**48.05.05** Is-Sindku Scott Camilleri ta' nformazzjoni wkoll dwar Measure 4 fejn il-kuntrattur qala' xi siġar tal-jukka u ser isir laqgħa miegħu.

**48.05.06** Is-Sindku Scott Camilleri qal li bdew ix-xogħolijiet tat-tarmak tal-bajja s-sabiħa, li hu mixi b'ritmu tajjeb u li rigward iż-żrar, għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet m'Infrastructure Malta.

**48.05.07** Is-Sindku Scott Camilleri nforma li hemm talba biex isir beach wedding fis-26 t'Awwissu 2022, wara il-ħamsa ta' wara nofsinhar. It-talba ma' tindikax fejn u l-area u l-

ħin li trid tingħalaq. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ser jistaqsi fuqha u jinforma lil-Kunsilliera.

**48.05.08** Is-Sindku Scott Camilleri nforma li rċevejna korrispondenza mill-Assoċjazjoni tal-Kunsilli Lokali biex il-Kunsilli jerġgħu jissieħbu fil-ECAD (European Cities Against Drugs) fejn il-Kunsill iħallas €250 biex jipparteċipa fiha. Il-Kunsilliera ma qablux fuq dan.

**48.05.09** Is-Sindku Scott Camilleri qal li r-Reġjun tan-Nofsinhar ħa jibda studju fuq il-proġett ta' *Pilot Project Care Site Collection*. Alex Caruana li attenda għal din il-laqgħa, wara li spjega kif taħdem din is-sistema qabel magħha. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġerixxa li l-Kunsill jagħmel sottomissjoni tal-interess, imbagħad nimxu 'l quddiem minn hemm. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan.

*Bħalissa is-18:15h u l-Kunsillier Stanley Zammit talab sabiex jiġi skużat minħabba impenji oħra.*

**48.05.10** Is-Sindku Scott Camilleri avża li hemm talbiet għal *hawkers* fuq il-*promenade*. Waħda għal vann tal-ġelati mil bidu ta' Mejju sa l-aħħar ta' Settembru. Hu spjega li sakemm dan ikun *hawker*, dan għandu jkollu bżonn il-permess tat-trading *licence* ta' *hawker* fejn jista jarma' għal ammont ta' ħin fl-istess post. Hu żied jgħid li l-Kunsill għandu jiddiermina dawn iż-żoni tul il-*promenade*. Hu talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jiċċirkula mal-Kunsilliera l-pjanta annessa ma' din it-talba u jekk din tiġi approvata tinbagħat no objection letter. Joe Baldacchino staqsa jekk jidħlux il-Lands Department f'dan l-ambitu. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li l-Lands jidħlu biss fejn ikun hemm applikazzjoni għal *fixed site*. Hu kompla li se jqabbad lill-Kunsillier Sandro Caruana sabiex jagħmel kuntatt mal-Perit sabiex tkun hi li tindika fejn huma l-aħjar postijiet għal *hawking spots* fi Pretty Bay, u fejn ma jkunux ta' detriment għan-nies. Dawn isiru kaxxi mal-art riservati għalihom u jkun hemm indikat il-ħinijiet li jistgħu joqgħodu fihom. Josette Busutill intervjeniet, fejn irrimarkat li l-*promenade* huma post għan-nies inkluż anzjani u tfal u li s-safety tagħhom hija prijorità. Hi staqsiet jekk hux ser ikun hemm ħlas dovut lill-Kunsill minn dawn il-*hawkers*. Is-Sindku Scott Camilleri kkonkluda li għandu jsir *meeting* mal-Perit u jsir pjan li jinkludi, il-pagamenti, dawn iz-zoni, spots, ħinijiet, aċċesibiltà, kundizzjonijiet fost oħrajn.

## 48.06 Mozzjonijiet u Rakkomandazzjonijiet

**48.06.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet u rakkomandazzjonijiet.

## 48.07 Punti mressqa mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv

**48.07.01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq talba li giet mingħand il-kuntattur li jiġbor l-iskart domestiku. Dan qed jilmenta li qed isib ammont ta' skart abbandunat f'ċerti żoni u li għalkemm mhux fl-obbligu tiegħu li jiġbru, dan qed jiġbru xorta waħda. Minn din l-ittra, qed jitlob ħlas ta' €70 + VAT għal kull ġurnata li jkollu ġbir żejjed. Joe Baldacchino ssuġġerixxa li jitqabdu Gwardjani Lokali biex jissorveljaw is-sitwazzjoni. Alex Caruana jemmen li n-nies jiġu konxji mill-indafa meta jaraw postijiet nodfa. Is-Sindku Scott Camilleri stqarr li, t-talba tal-kuntrattur hija raġonevoli. Alex Caruana qal li jekk isir ftehim, għandu jintalab biex jinġabar skart anki f'postijiet mhux

urbani waqt il-ħin tal-uffiċċju u din għanda tiġi stipulata fil-ftehim. Is-Sindku Scott Camilleri qabel ma li qal Alex Caruana u għalhekk nitolbu lill-contracts manager ħalli jitkellem miegħu.

**48.07.02** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq proposta sabiex tinħareġ sejħa għall-grad ta' Assistent Prinċipal minħabba l-volum ta' xogħol. Il-Kunsilliera preżenti qablu li tinħareġ sejħa għal din il-kariga skond il-ftehim kollettiv.

## 48.08 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

**48.08.01** Josette Busutill staqsiet lIs-Sindku Scott Camilleri kif baqgħet it-talba għal linji ta' Triq F.M . Ferretti. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li ser jara li jmexxi l-affarijiet ma Transport Malta.

**48.08.02** Josette Busutill staqsiet dwar it-talba għal *public toilet unit* flok il-latrini ta' Wied il-Buni. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li tkellem filgħodu mal-Perit tal-PWS u li ser jagħmlu rinovazzjoni ħafifa biex tkun aċċessibli għall-istaġun tas-sajf, minħabba li meta saret talba għall-kwotazzjonijiet, l-ispiża kienet ser tkun fenominali u li taqa' fi stadju ta' tender. Hu qal li ser jinbidlu s-servizzi meħtieġa b'mod u manjira li jkunu adegwati għaż-żmien tas-sajf. Fil-każ li mhux ser tkun lesta fiż-żmiem stipulat, il-PWS ser jiprovdu public mobile toilets. Joseph Farrugia staqsa rigward il-proġett ta' Wied il-Buni fejn jekk dan isir, il-latrini ser jiċċaqilqu minn hemm. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ser jipprova li jsir meeting mal-Ministru li fih irresqu l-proposta tad-ditch.

**48.08.03** Josette Busutill irreferiet għal dak l-inċident tat-traffiku li sar fi Triq Żarenu Dalli ftit tal-ġranet ilu fejn karozza imqalbet u l-unika Triq għad-dħul ġewwa Birżebbuġa min-naħa ta' San Ġorġ ingħalqet. Hi staqsiet jekk tistax issir laqgħa mal-Ministru l-ġdid rigward il-proposta tal-*bypass* li ilha tissemma għal ħafna żmien. Is-Sindku Scott Camilleri qal li rigward il-*bypass* ser jipprova jagħmel laqgħa mal-Ministru l-ġdid sabiex tiġi diskussa. Joseph Farruga rrimarka li għalhekk talab li jsir *traffic count survey*, sabiex jkollna f'idejna l-ammont ta' traffiku li jgħaddi minn ġewwa Birżebbuġa. Alex Caruana qal li ma hemmx skuża li jsir pont li jaqsam il-wied għax dawn jeżistu wkoll f'lokalitajiet oħra.

**48.08.04** Josette Busutill staqsiet lil Alex Caruana għaliex għadu ma sarx non-slippery fi Triq Herakles int u nieżel għal Triq Għar Dalam. Alex Caruana infurma li qed jistennew approvazzjoni sħiħa minn TM.

**48.08.05** Alex Caruana rrimarka dwar il-bankina ta' fejn kien hemm il-Lido Hall fi Triq Alessandru u Triq San Edwardu, fejn instabu xi intoppi waqt il-proċess tal-bini, u li din il-bankina li kellha suppost tkun għal żmiem temporarju, issa ilha hekk għal żmiem twil. Hu sostna li jew terġa' ssir il-bankina kif kienet oriġinali, jew jitkompla x-xogħol tal-kostruzzjoni. Kien hemm qbil li nkellmu lill-Perit Carmel Caccopardo sabiex jagħmel kuntatt mas-sid u jagħtina aġġornament dwar dan il-proġett.

**48.08.06** Joe Baldacchino irrimarka li f'parti mit-Triq il-Port Hieles ħdejn ta' Feliċjan, hemm biċċa twila ta' xi mitt metru li baqgħat ma ingħatatx it-tarmac. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li f'dawk l-inħawi hemm problema kbira ta' drenaġġ. Alex Caruana

qall li hu infurmat li l-Enemalta jridu jagħmlu *sub-station* fil-viċinanza u għaldaqstant hemm bżonn li jitqattaw ħafna toroq minn tal-madwar. Is-Sindku Scott Camilleri żied jgħid li minħabba li man-naħa tal-Country Style hemm katusi tad-drenaġġ antiki, u l-bini f'tal-Papa żdied drastikament, qed jinħolqu ċerti problemi.

**48.08.07** Alex Caruana semma li kien hemm *reserved parking bay* ta' familja partikolari fi Triq G.Garibaldi. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li hemm 'il fuq minn erba' talbiet ta' communal parkings f'Birzebbuga li għadhom pendenti u li jiddependu minn Transport Malta.

**48.08.08** Alex Caruana issuġerixxa li l-plastic bollards li jkun hemm f'San Ġorġ, (dment li t-triq għada magħluqa minħabba l-kostruzzjoni tat-toroq), jitpoġġew fil-ġnien u mhux joqogħdu jtiru ma kullimkien.

**48.08.09** Alex Caruana irrimarka li tkellem kemm il-darba ma Infrasturcture Malta dwar il-linji ta' San Ġorġ li baqgħu ma sarux. Is-Sindku Scott Camilleri qal li reġa' fakkar lil-TM u li waslu sabiex isiru.

**48.08.10** Alex Caruana informa li l-*one way system* tal-Qajjenza ġiet approvata. Is-Sindku Scott Camilleri talbu biex jiċċekja kemm hemm bżonn tabelli.

**48.08.11** Joe Baldacchino staqsa sa fejn ser jaslu bit-tarmac fi Pretty Bay. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li ser jaslu sal-għassa tal-puluzija.

## 48.09 Proġetti u Skemi

**48.09.01** Is-Sindku Scott Camilleri ta' aġġornament dwar il-librerija, fejn ġew ordnati l-ixkaffef u għandhom jiġu installati dalwaqt.

**48.09.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li rigward il-proċess tal-irrigazzjoni, għall-Ġnien li hemm Mistraħ San Ġorġ Preca (ħdejn il-Mużew tas-Subien) inxtara l-materjal kollhu u ser jibda jitwaħħal dalwaqt.

**48.09.03** Is-Sindku Scott Camilleri qal li rigward l-*urban squares*, fejn ittieħdu l-fondi minn tad-*Development Planning Fund*, inxtraw żewġ bankijiet bħal dawk eżistenti u inxtraw ukoll 22 bank isbaħ, ta' material aħjar u *maintenance free* għal Dawret il-Qalb Imqaddsa mill-pont tas-Shell sal-*Waterpolo Pitch*.

**48.09.04** Alex Caruana qal li fis-seduti preċedenti konna approvajna biex jinxtara festun tad-dawl minn Wied il-Buni sal-Qajjenza. Is-Sindku Scott Camilleri talbu biex jiċċekja ma Anġlu rigward dan.

**48.09.05** Josette Busutill staqsiet jekk irċevejniex xi ħaġa dwar l-iskema li applikajna għalija għal Jum Birżebbuġa. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din is-sena hemm l-istess ammont ta' fondi allokati bħal tas-sena l-oħra.

**48.09.06** Is-Sindku Scott Camilleri qal li għadna ma rċevejna xejn minn naħa tal-Kultura. Huwa talab lil Josette Busutill biex tibagħtlu dwar il-*percussions* u tal-*culture*. Is-Sindku Scott Camilleri qal ukoll li ser napplikaw għas-*soft flooring* tal-*playing fields*.

## 48.10 Indafa u Ambjent

**48.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri informa li l-ġurnata ta' qabel, kien hawn clean up fil-Bajja s-Sabiħa mill-Agenzija Support, Ċentru ta' Ħal Far u ċ-Ċentru ta' Pembroke.

**48.10.02** Is-Sindku Scott Camilleri avża li hemm skedat tindif mil-*Birżebbuġa Cleanup Group* għal nhar il-Ħamis.

## 48.11 Attivitajiet

**48.11.01** Josette Busutill staqsiet jekk hemmx ippjanat li jsir xi ħaġa għal-Karnival ta' Mejju. Is-Sindku Scott Camilleri staqsija jekk għandiex xi ħaġa ppjanata. Hija rrispondiet li bagħtitlu, imma ma rċevietx risposta. Hi żiedet ukoll li minħabba li saru xi tibdiliet, l-ispiża kienet ser tonqos. Is-Sindku Scott Camilleri talabha biex tiprovdilu l-informazzjoni u l-ammont tal-ispiża ħalli tiġi diskussa mal-Kunsilliera.

**48.11.02** Josette Busutill staqsiet jekk il-Laboratorju tal-Paċi ta' Ħal Far jagħmilx mal-konfini ta' Birżebbuga, minħabba li għanda l-ħsieb li torġanizza attivita' għal Jum Birżebbuġa. Joe Baldacchino irrisponda li dan jagħmel mal-lokalità taż-Żurrieq.

**48.11.03** Josette Busutill staqsiet jekk hux possibli li ssir laqgħa x-xahar id-dieħel dwar Jum Birżebbuġa biex tiġi diskussa l-attività u jinfetħu n-nomini għal kanzunetti. Is-Sindku Scott Camilleri qalliha biex tfakru għall-aħħar ta' April biex tibda tiġi diskussa.

## 48.12 Kultura, Żgħażagħ u Sport

**48.12.01** Carlo Stivala qal li qeda tinġabar informazzjoni rigward l'iskeda tat-tournaments li l-assoċjazzjonijiet lokali għandhom għal matul is-sajf, biex jiġu evitati konflitti bejn l-assoċjazzjonijiet. Huwa żied li wara li tinġabar din l-informazzjoni, hemm il-ħsieb li ssir laqgħa magħhom biex tiġi diskussa l-iskeda u jsir ftehim magħhom flimkien.

**48.12.02** Is-Sindku Scott Camilleri informa li beda l-proċess għat-tiswijiet minn naħa tal-Kunsill fil-ground tal-Bajja s-Sabiħa. Hu żied, li ser titwaħħal *camera* u jiġi eliminat il-katnazz u minfloku jitwaħħal serratura.

**48.12.03** Is-Sindku Scott Camilleri staqsa lil Carlo Stivala jekk hux possibli li nitkelmu ma Sport Malta dwar il-*body weight exercises*. Carlo Stivala rrisponda li SportMalta ma tieħux applikazzjonijiet mingħand Kunsilli Lokali imma teħodhom mingħand assoċjazzjonijiet sportivi, u mbagħad dik l-assoċjazzjoni tuża l-apparat fejn trid.

**48.12.04** Is-Sindku Scott Camilleri staqsa lil Carlo Stivala dwar il-kunċett tal-branding fil-bajja. Carlo Stivala qal li l-*basketball court* fix-xitwa jintuża bla problemi ta' xejn, imma f'istaġun tas-sajf jiżdiedu n-nies fuq il-bajja u jintilef il-kontrol fejn normalment ikun

hemm ammont ta' vandaliżmu. Is-Sindku Scott Camilleri qal li qedin fi ftehim mal-pulizija biex ikun hemm *patrols* kontinwu u pulizija bil-klieb.

**48.12.05** Carlo Stivala talab biex jinstab ħin għal *Malta Wheel Chair Association*, fejn ikun hemm ħin allokat għal din il-għaqda. Hu ssuġerixxa li tiwaħħal tabella, li tgħid li ħin partikulari huwa riservat għal dawn in-nies b'diżabilità.

**48.12.06** Carlo Stivala wera x-xewqa li li jitpoġġew il-lasti tal-*handball* mill-ġdid. Joe Baldacchino ssuġġerixxa li jsir ground żgħir tal-football bit-terf għat-tfal iż-żgħar nett. Carlo Stivala ssuġerixxa li dan għandu jsir biswit il-pitch fejn hemm dik il-biċċa bic-*cement*. L-aħjar li ma jsirx bit-turf minħabba li bir-riħ l-istess turf jimtella kollhu ramel.

**48.12.07** Carlo Stivala ssuġġerixxa biex jibdew id-diskussjonijiet ma' Parks Malta minħabba t-*tennis court*, biex il-lokalità tagħna tkun kif inhi x-xewqa li jkun villaġġ Olimpiku. Hu ssuġġerixxa wkoll, li jsir *badminton court* fil-Bajja s-Sabiħa.

**48.12.08** Carlo Stivala avża li fit-29 tax-xahar hemm attività mill-MESA b'għajnuna lil-Marigold Foundation flimkien ma' SportMalta fejn ser isir *tournament*. Hu ssuġġerixxa li ssir promozzjoni fuq il-pagna tal-kunsill

**48.12.09** Carlo Stivala ssuġġerixxa li għanda tinstab żona biex tintuża bħala *camping site*, fejn il-Kunsill ikun jista' jibbenifika minn xi ftit introjtu.

**48.12.10** Carlo Stivala issuġerixxa wkoll li għandu jkun hemm aċċess aħjar għal Villa Rumana. Is-Sindku Scott Camilleri qal li tista tixtri biljett mill-Heritage Malta u jkollok tour f'Għar Dalam, Borġ in-Nadur u l-Villa Rumana.

## 48.13 Materji oħra, li mhumiex imsemmija hawn fuq

**48.13.01** Josette Busutill staqsiet jekk hemm xi sostituzzjoni għal-ex ħaddiem li ħalliena ftit tal-ġimgħat ilu Ronnie Borg li kien ħaddiem tal-*Community Workers* u li ħallina. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li kien ġie avviċinat id-dipartiment tagħhom, hu qallhom li kien kemm bżonn ta' persuna sostituta li trid tkun *skilled.*

## 48.14 Tmiem il-laqgħa u data tas seduta li jmiss

**48.14.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-19:45h wara li ġiet eżarwita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju, 2022, fil-17:30h.

**Ikkonfermati, llum it-Tlieta 10 ta' Mejju 2022.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Deputat Segretarju Eżekuttiv* |